# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 22 ta’ Jannar 2001**

**Numru 2**

**Mandat Numru 21/92**

**Wara mandat ta’ sekwestu fl-ismijiet**

**Claire Xerri**

**vs**

**Carmelo sive Charles Xerri**

**Il-Qorti;**

Fis-7 ta’ Awissu 1992, l-attrici f’din il-kawza Claire Xerri talbet il-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kontra zewgha Carmelo sive Charles Xerri, ghal hlas ta’ bilanc determinat fis-somma ta’ Lm6974, minn somma akbar skond sentenza ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Marzu 1991.

Wara dan is-sekwestru, din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta’ Awissu 1992, iddegretat preventivament, illi wara li rat ir-rikors u s-

sentenza taghha tas-6 ta' Marzu 1991, billi r-rikorrenti ma spjegatx kif imiss, b'prospett mehtieg, l-ammont tal-kreditu li qed tivvanta tissospendi d-digriet finali taghha sakemm tkun f'pozizzjoni li tikkontrolla l-prospett li ghandu jigi prezentat b'nota addizjonali mir-rikorrenti.

**KONTESTAZZJONI**

Din in-nota giet eventwalment prezentata u tinsab a fol. 17 u 18 tal-process ibbazata fuq id-decide tas-sentenza ta' din il-Qorti, li ordnat il-konvenut, ihallas mija u hmistax-il lira (Lm115) fix-xahar lill-martu sakemm din tibqa' tahdem, waqt li hamsa u tletin lira (lm35) fix-xahar kienu dovuti ghat-tifla Vanessa, sakemm hija taghlaq it-tmintax-il sena. Kellu jhallas total ta' manteniment ta' mija u hamsin lira (Lm150) fix-xahar. Mhux kontestat illi t-tifla Vanessa ghalqet it-tmintax-il sena fil-5 ta' April 1988 u allura kien dovut manteniment ghaliha mit-22 ta' Gunju 81 sa dik id-data . Din il-Qorti ordnat in-notifika ta' din in-nota lid-debitur konvenut bi dritt li jirrispondi.

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenut intimat irrisponda fil-mertu ghal din in-nota billi ssottometta illi l-ammonti u kalkoli msemmija fir-rikors tal-attrici kienu manifestament zbaljati u kellhom jigu riveduti qabel jigi akkordat il-mandat.  Skond hu, l-ammont dovut verament lill-attrici kien ta' Lm2286.99c8m u mhux dak reklamat fil-mandat.  Konsegwentement il-mandat ta' sekwestru kellu jigi michud jew alternattivament korrett ghall-ammont kif minnu sottomess.

**VERIFIKA**

Il-Qorti eventwalment iddominat lill-Avukat Dr. Joseph P. Bonello biex jirrelata dwar il-pretensjonijiet reciproci u jillikwida l-ammont rejalment dovut.  Dan il-Perit Legali Komputista fir-rapport tieghu, wasal ghall-konkluzjoni illi l-konvenut intimat kellu jaghti lill-attrici martu s-somma ta' Lm3260.33, filwaqt li kellu jaghti lill-bintu Vanessa Xerri s-somma ta' Lm2835, somma totali ta' Lm 6095.33.  Fir-relazzjoni tieghu huwa spjega dettaljatament kif wasal ghal din il-likwidazzjoni.

**KONTESTAZZJONI ULTERJURI U AKKORDJU**

L-intimat ikkontesta l-konkluzjonijiet peritali u rribatta li l-ammont dovut lill-martu ghaliha kien ta' Lm2234 u mhux ta' Lm3260.33c, kif illikwida l-

Perit Legali, filwaqt li ma kkontestax l-ammont likwidat fir-rigward tat-tifla Vanessa Xerri.

Wara aktar dibattitu u nkontri, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2000, gie hekk verbalizzat, "Il-partijiet jaqblu illi l-ammont dovut lill-mara huwa ta' Lm2931.95. Jaqblu wkoll li l-ammont dovut lit-tifla Vanessa hu ta' Lm2850.16c, u dawn ghandhom jithallsu direttament lit-tifla skond kif jiftehmu bejniethom. Il-pagament lill-mara jithallas kwantu ghal elf u hames mitt lira fi zmien gimghatejn mil-lum, u l-bilanc fi zmien sena mil-lum. Il-mara tobliga ruhha li tnehhi kull mandat kontra zewgha. B'dan il-mod din il-kawza tigi tranzatta. Il-partijiet jaqblu li jekk ma jiftehmux sa differiment iehor dwar l-ispejjez din tithalla f'idejn il-Qorti wara li tisma' sottomissjonijiet. Ghal bqija l-kawza tkun tranzatta."

Aktar inkontri dwar il-kap tal-ispejjez ma wasssal ghal ebda ftehim. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2000, din il-Qorti giet infurmata illi l-mertu kien ezawrit peress li l-intimat konvenut kien ihallas is-sorte u kien biss il-kwistjoni dwar min ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza. Il-Qorti halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Il-Qorti ghazlet illi taghti ftit retroxena ta' dawn il-proceduri, ghaliex dawn wehidhom jindikaw x'ghandha tkun is-soluzzjoni fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. L-ezetu finali wara snin ta' trattazjoni u trattattivi

sostanzjalment iggustifika l-ammont reklamat bil-mandat ta' sekwestru impunjat mill-intimat. Jidher ukoll car illi filwaqt illi l-intimat bl-ebda mod ma kkontesta l-ammont li kien reklamat minn martu ghall-manteniment fir-rigward il-minuri u dan baqa' prattikament invarjat, il-kontestazzjoni tal-intimat fir-rigward ta' dan l-ammont kienet immirata biex, dak li ma thallasx, jithallas direttament lil bintu u mhux lil martu. Arrangament dan li r-rikorrenti eventwalment qablet mieghu, kjarament ghaliex iz-zewg konjugi ghandhom ghal qalbhom l-interess taghha. Ftehim dan li kellu jitqies bhala koncessjoni da parti tar-rikorrenti ghaliex strettament l-ammont kienu dovut ghall-manteniment kien hemm sentenza mill-omm biex tipprovdi ghall-minuri.

Fil-kontestazzjoni mbaghad fir-rigward tal-ammont dovut lill-attrici personalment, u minnha reklamat, dan kien jirrikjedi certu ammont ta' verifika anki jekk eventwalment jista' jinghad li gie sostanzjalment konfermat mill-ezitu finali tal-kawza. Hu biss hawn illi wiehed jista' jipprospetta temperament fil-kap tal-ispejjez, inkorsi minhabba l-htiega li jigi bi precizjoni accertat dan li kien dovut. qabel din il-Qorti takkorda l-mandat mitlub.

Din il-Qorti m'ghandhiex dubju illi hafna mill-ispejjez setghu gew evitati b'attegjament aktar pozittiv tal-konjugi Xerri lejn problema li fl-ahhar mill-ahhar ma kienitx ta' difficli spedizzjoni.

Konsiderata n-natura familjari tal-istanza, u konsidrat ukoll li certament l-intimat kellu ferm aktar responsabbilita' ghal dawn l-ispejjez gudizzjarji u kif dawn akkumulaw, anki konsidrat l-ezitu finali tal-mertu, din il-Qorti jidhrilha illi l-ispejjez kollha kellhom jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi lill-intimat u kwantu ghal terz mir-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu in kwantu dan gie tranzatt, u anzi ezawrit, u fir-rigward ghall-ispejjez tiddegreta li dawn kellhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-intimat Carmelo Xerri u in kwantu ghal terz mir-rikorrenti Claire Xerri.

Dep/Reg

mg